MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 270/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Borg talli fix-xahar ta’ Mejju 2006 meta hekk ordnat b’digriet moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja naqas li jaghti lil martu Mariella Borg l-manteniment ta’ Lm247 liema manteniment jithallas b’xahar bil-quddiem kull 29 tax-xahar u dan skond digriet precedenti nru. 1659/2003 u aktar talli b’hekk sar recediv b’sentenza tal-Qorti moghtija fil-21 ta’ Marzu 2006 mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Patrick Borg hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal termimu ta’ detenzjoni ghal zmien xahar (1);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Patrick Borg ipprezentat fis-27 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija, jew piena, u subordinatament, f’kaz illi t-talba surriferita tigi respinta/michuda, tirriforma s-sentenza appellata billi minflok il-piena karcerarja ta’ xahar detenzjoni, tvarja, tbiddel u timmodifika l-piena billi tinfliggi kwalsiasi piena ohra mhux karcerarja li jidrilha xierqa, idoneja u gusta jew taghti kull provvediment iehor li jkun jirrispekkja l-haqq u l-gustizzja li trid issir ma’ l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-eccezzjoni imqajma minn Dott. Edward Gatt ghall-appellant fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2006 fis-sens li ghandu jigi lliberat mill-imputazzjonijiet ghax id-digriet originali li permezz tieghu nharget l-imputazzjoni odjerna ma jiffurmax parti minn dawn l-atti;

Rat it-twegiba ta’ Dott. Aaron Bugeja ghall-appellat li minn qari akkurat tar-rikors ta’ appell dak li qed jigi lamentat mill-appellant seduta stante ma jirrizultax;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din hi sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni mqajma seduta stante mid-difensur ta’ l-appellant fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2006.

Kif korrettement osserva d-difensur ta’ l-appellat, minn ezami tar-rikors ta’ appell ipprezentat mill-appellant fis-27 ta’ Lulju 2006 ma jirrizultax li tqajmet b’xi mod din id-difiza. Ghall-kuntrarju, fil-parti tar-rikors fejn jghid x’inhuma l-fatti

fil-qosor, jirreferi specifikatament ghal digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu huwa gie ordnat li "jhallas manteniment lill-kwerelanta Mariella Borg ta' Lm150, senjatament Lm100 ghall-minuri Dunskie u Lm50 ghaliha. Minn Ottubru 2003 sal-lum, dan id-digriet qatt ma nbidel u/jew gie rrevedut u/jew gie rrevokat." Jghid ukoll illi huwa baghat dawn il-Lm150 lil martu biex jaghmlu tajjeb ghall-manteniment ta' Mejju 2006. L-aggravji ta' l-appellant huma ben altru u jirrigwardaw l-effetti tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-2 ta' Jannar 2006 li kopja tinsab esebita.

Huwa gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li ma tistax tikkonsidra difizi li ma gewx espressament imqajma bhala aggravji fir-rikors ta' l-appell, ghax altrimenti tkun qed teludi u ggib fix-xejn il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali (ara f'dan is-sens Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. David Grech**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Nicholas Debono**, 30 ta' Settembru 1994; u ohrajn).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni mqajma fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2006 u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------